MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 469/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (03/01/1976) (vide Dok A anness);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied u cioe' D li twieldet fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija, tmienja u sebghin (24/10/1978) u L li twieled fit-tnax ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u tmenin (12/07/1980), u li ghalhekk huma t-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt pubbliku redatt minn Nutar Dr Marco Farrugia sa mill-erbgha ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (4/01/1993) (vide Dok B anness);

Illi ghalhekk l-partijiet ilhom ferm aktar minn erba' (4) snin separate kemm legalment u anke de facto u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali qed tircievi manteniment adegwat;

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-fatti gew debitament ikkonfermati mir-rikorrenti fl-affidavit taghha li qed tipprezenta ma dan ir-rikors (vide Dok. C anness);

Talbet in vista tal-premess sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Novembru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment mill-4 ta’Jannar 1993 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------